# Riflessjonijiet Spiritwali fuq il-ħajja u l-ħidma ta' Mons. Ġ. De Piro

NO2

**X'kien jifhem bl-ispiritwalità, Mons. De Piro?**

De Piro kien konvint li l-ispiritwalità jrid ikollha l-għeruq tagħha f'relazzjoni personali ma' Alla, li huwa attiv fl-istorja tal-umanità kollha u fil-ħajja personali tiegħu. Għax hu persważ li, "*kulma għandna, u kulma aħna, kollox hu rigal ta' Alla mogħti lilna*".

Sa minn ċkunitu huwa pprova jkollu relazzjoni intima personali ma' Alla. Għax huwa emmen li l-fidi b'hekk biss tista' tikber, bl-esperjenza ta' Alla f'ħajtu. Tajjeb li ngħidu li din il-kwalità ta' spiritwalità li għex Mons. De Piro kienet ftit qabel żmienha. Infatti, insibu ħjiel ta' din l-ispiritwalità żmien wara, f'wieħed mill-kotba tat-teologu Karl Rahner.

Minħabba li Mons. De Piro kien iħares lejn l-istorja ta' ħajtu bħala rigal ta' Alla, kien jemmen li għal dawk li jħobbu 'l Alla, kull ħaġa tista' tgħinhom ħalli jkunu ta' għajnuna għall-oħrajn. Kien persważ li Alla jitkellem f'ħafna okkażjonijiet, imma l-aktar permezz tal-istorja ta' ħajtu u allura kien jara kollox fid-dawl tal-fidi. Mera ta' dan kollu kien isibha fil-ħajja ta' Ġesù, li sar wieħed bħalna biex isalvana. B'hekk Alla daħal personalment fl-istorja tagħna.

Meta hu aċċetta r-realtà li ħajtu kienet rigal ta' Alla, beda jgħix bil-konvinzjoni li kulma jinqala', Alla jaf idawru għall-ġid tagħna. Huwa emmen li dak li għalina jista' jidher ħażin, kien iħares lejh bħala dispożizzjoni tal-għerf ta' Alla li dejjem qiegħed hemm biex jipproteġina u allura jdawru għall-ġid tagħna. Tant kien persważ mill-imħabba personali ta' Alla, li kien jgħid: "*Fid-dulur u fid-diżappunti, anke quddiem il-mewt, jien ippruvajt ngħolli 'l qalbi u 'l moħħi lejn missierna tas-sema, u ngħidlu 'Tiġi saltnatek'*".

*Dan it-tag'rif insibuh fil-ktieb, "Found among Sinners" ta Fr Martin Cilia mssp*

**Tixtieq tagħmel xi ħaġa sabiħa f'ħajtek?**
**Tixtieq tkun missjunarju?**
**Tixtieq tkun taf aktar fuq is-soċjetà tagħna?**

**Ċempel lil: Fr Martin Galea MSSP fuq 2149 0767**



## Fr Victor Camilleri mssp

*Fil-15 ta' Diċembru li għadda, Fr Victor Camilleri mar lura lejn id-dar tal-Missier.*

Huwa twieled l-Isla. Imma nistgħu ngħidu li tfulitu għaddieha Ħ'Attard, fejn il-ġenituri tiegħu kellhom jevakwaw minħabba l-gwerra.

Huwa daħal bħala aspirant mas-Soċjetà tagħna fl-1949. Wara li spiċċa l-istudji sekondarji tiegħu fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi, fl-10 ta' Frar tas-sena 1953 beda n-novizzjat f'S. Agata r-Rabat. Din kienet l-ewwel tarġa li wasslitu għas-Saċerdozju fl-1960.

Il-ħidma pastorali tiegħu wettaqha l-aktar fl-Oratorju tagħna f'Birkirkara u f'Sant' Agata r-Rabat. Fiż-żmien twil li għamel fl-Oratorju, barra li kien jieħu ħsieb tad-duttrina, il-palk, l-isports u mitt ħaġa oħra, kien tajjeb bħala mastrudaxxa. Infatti, ħafna opri li hemm fil-knisja huma kollha xogħol ta' idejh.

Meta rritorna r-Rabat, barra l-ħidma intensa ta' saċerdot dedikat l-aktar għall-qrar, sar direttur tal-kumpless storiku li hemm f'S. Agata; xogħol li kien ferm għal qalbu. Biżżejjed ngħidu li hu skava ħafna mill-katakombi u ħareġ diversi kotba fuq dan is-suġġett.

Imma Dun Victor jibqa' jissemma, għas-sempliċità u d-dedikazzjoni kbira li kellu.

Mulej agħtih il-Mistrieħ ta' dejjem.



Frar 2012 / Għadd 466
Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP

NEWS PAPER POST




# 60 sena saċerdozju

*Fit-22 ta' Diċembru li għadda żewġ saċerdoti tas-Soċjetà tagħna ċċelebraw il-ġublew tad-djamanti tal-ordinazzjoni tagħhom. Dawn iż-żewġ saċerdoti, għalkemm ġew ordnati flimkien fil-Konkatidral ta' Malta, il-ħidma pastorali tagħhom kienet xi ftit differenti minn xulxin*

**Fr Claude Borg MSSP**

Fr.Claude beda l-ħajja pastorali tiegħu fl-Oratorju tagħna ta' Birkirkara fost it-tfal u ż-żgħażagħ. Biss, wara ħames snin, kien wieħed mill-ewwel saċerdoti tagħna li mar jaħdem fl-Awstralja fejn għadu sal-lum. L-aktar post li ħadem fih kien N.S.W.; biss ħadem ukoll fil-Victoria.

Imma isem Fr Claude hu marbut mal-Parroċċa ta' Horsley Park, fejn dam għal sitt snin kappillan. Mhux possibbli nsemmi x'għamel kemm dam kappillan, imma l-aktar żewġ inizjattivi li kienu għal qalbu huma: il-kor tal-kant, li għadu sejjer bih avolja ta' età avvanzata; u ż-żjajjar lin-nies kollha tal-inħawi, anke dawk li mhux kattoliċi, ħalli jara kif jista' jgħinhom.

Biss inkun nonqos jekk ma nsemmix il-karatteristika ta' Fr Borg. Il-kelma "Le" ma kinitx teżisti fil-vokabularju tiegħu. Naf li anke mar għal xi snin jaħdem fil-missjoni tagħna tal-Perù! Nixtiqulu Ad multos annos.


Fr. Claude, ma shabna ta Sydney u xi saċerdoti oħra

**Fr Ignatius Micallef MSSP**

Fr Micallef għamel l-istudji Sekondarji tiegħu fil-Kulleġġ San Alwiġi u dawk terzjarji fl-Università ta' Malta.

Tista tgħid li l-ministeru saċerdotali tiegħu wettqu kollu hawn Malta, barra 4 snin f'Sydney, l-Awstralja.

Wara li qaddes, huwa għadda tmien snin prefett tal-aspiranti tas-Soċjetà. Fl-1963 huwa ġie magħżul bħala Superjur tad-Dar ta' San Ġużepp; kariga li dam fiha għal 11-il sena.

ikompli paġna 3



Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

# Tagħrif fuq id-djar u l-ministeri differenti tas-Soċjetà tagħna, f'Malta u fil-missjonijiet - PAKISTAN

NO2

*L-ewwel missjunarji tagħna marru fil-Pakistan fl-1981. Huma bdew jaħdmu fid-Djoċesi ta' Faisalabad. Minn hemm huma kienu jgħinu wkoll fid-djoċesijiet tal-qrib, bħalma huma Karaċi u Lahore. Fl-erba' parroċċi li kellhom, barra x-xogħol pastorali, huma dejjem ħasbu li jibnu skola għat-tfal fqar. Bħalissa l-membri tas-Soċjetà tagħna qed jaħdmu f'Lahore*

### L-MSSP f'Lahore, Il-Pakistan, illum

Il-Fathers MSSP ilna fil-belt ta' Lahore għal numru ta' snin. Illum qegħdin hawn; jiena, Fr Pierre, u qassis Paksitani, Fr Raymond. Dan tal-aħħar, bħalissa qiegħed fil-Filippini, u għalhekk fil-prattika, ninsabu żewġ missjunarji biss.

Il-ħajja tagħna hawn iddur mal-ħajja komunitarja tagħna, u bħala estensjoni ta' hekk, nagħtu servizz fil-Parroċċa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, ġo *Asif Town 1*, fis-Seminarju Maġġuri tal-Filosofija ġo Juhannabad, u fl-Iskola Joseph De Piro ġo *Asif Town 2*.



Fr Pierre - iqaddes f'dar fl-alakka ta' Sufiabad

### Il-parroċċa dedikata lill-"konverżjoni ta' San Pawl"

Il-Kappillan hu Fr Pierre. Il-parroċċa hi żona fejn jgħixu ħafna familji fqar. Barra s-servizz fil-parroċċa, aħna nippruvaw nilħqu l-insara f'żoni oħra – jew '*alakka*', kif insejħulhom. Hekk, kull nhar ta' Ħadd immorru **Asif Town 2** kif ukoll *Malgazar*, fejn fiż-żewġ postijiet hemm knisja żgħira. F'*alakki* oħrajn immorru inqas ta' spiss u hemm ikollna nqaddsu ġo djar privati; għax knejjes ma hemmx. Fiż-żmien tal-Avvent u tal-Għid immorru nżuru l-familji f'kull *alakka*, nagħmlu servizz liturġiku u nqaddsu f'kull post.

### Il-Babu

Il-*Babu* huma katekisti mħarrġa bi 3 snin kors, u jinsabu f'kull parroċċa. Il-*Babu* fil-parroċċa hu parti tant essenzjali mis-sistema pastorali fil-Knisja Pakistana. Aħna għandna jaħdmu magħna tliet *Babu*, u kull wieħed hu responsabbli minn numru ta' *alakki*. Il-*Babu* jdur il-familji nsara waħda waħda matul il-ġimgħa fid-djar tagħhom. U waqt il-liturġija fil-knisja, ħafna drabi jagħmel ukoll l-omelija. Huma wkoll jamministraw is-sagramenti taż-żwieġ meta jinħtieġ, u l-funerali. Hawnhekk id-difna ssir malajr kemm jista' jkun wara l-mewt minħabba s-sħana, u għalhekk it-talb mal-mejjet isir immedjatament. Wara xi jiem issir tifkira iktar solenni li għaliha jiġu wkoll il-qraba.



Tfal zghar fid-Day Care centre

### Is-seminarju maġġuri tal-filosofija: San Franġisk saverju

Kemm Fr Pierre u kemm jiena ngħinu fit-tagħlim tas-seminaristi li jkunu fl-ewwel fażi tal-istudji tagħhom, fi triqthom lejn is-saċerdozju. Dan is-Seminarju hu



Tqarbin - Quddiesa taħt it-tinda go Mlagazar [il-knisja zghira ħafna] nhar il-Millied



Id-Day care centre

interdjoċesan u jilqa' fih seminarsiti mid-djoċesijiet kollha tal-Paksitan, kif ukoll studenti minn Kongregazzjonijiet tar-Reliġjuzi li qegħdin f'Lahore. Aħna wkoll dejjem disposti nagħtu servizz lis-seminaristi, kemm fil-qrar kif ukoll fid-direzzjoni spiritwali. B'dan il-mod aħna l-MSSP, fil-limiti taċ-ċokon tagħna, qed ngħinu wkoll lill-Knisja Pakistana fil-formazzjoni tas-saċerdoti futuri tagħha.

### L-iskola, 'joseph de Piro Middle School'

Din hi skola primarja li tilqa' subien u bniet min-*Nursery Class* sa *Class 5*. Fil-klassijiet 6-8 jibqgħu biss il-bniet. Il-familji tal-istudenti tagħna fil-maġġoranza l-kbira huma foqra u ma jistgħux iħallsu miżati. L-iskola tagħna hi b'xejn, u aħna nagħtuhom il-kotba b'xejn ukoll. Dan hu possibbli għax aħna parti min dik li hawn hi magħrufa bħala l-*Punjab Education Foundation* – bħal konsorzju bejn il-gvern reġjonali tal-Punjab u l-World Bank.
Bħala msieħba aħna noffru edukazzjoni b'xejn waqt li l-fondazzjoni tagħtina Rupees 400 jew €3.4 fix-xahar għal kull student biex bihom inkopru l-ispejjeż kollha tas-salarji, l-ispejjeż kollha amministrattivi, proġetti, eċċ. Malajr tistgħu tikkalkulaw kemm dawn l-imberkin €3.4 jistgħu jiġġebdu! Għalhekk, minn qalbi, hawn irrid ngħid GRAZZI KBIRA lill-benefatturi kollha tal-maratona, "OĦLOQ TBISSIMA" li jgħinuna nkomplu dan is-servizz lil dawn it-tfal, bit-tama li huma jkunu jistgħu joħorġu miċ-ċirku ta' faqar u diskriminazzjoni diretta jew moħbija li huma parti mir-realtà tal-ħajja tagħhom ta' kuljum.
Permezz ta' "Oħloq Tbissima", u l-*Medical Missionary Sisters*, aħna nistgħu wkoll nagħtu korsijiet fl-iġjene u dwar is-saħħa lill-istudenti tagħna, u darba fil-ġimgħa dawn is-sorijiet jagħtuhom jew bajda mgħollija jew frotta!! Grazzi wkoll lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, tal-għotja ta' flus għal sentejn wara xulxin biex b'hekk stajna nkomplu bl-iżvilupp tal-iskola u nixtru l-għamara meħtieġa.

Din is-sena bdejna wkoll inizjattiva oħra: wara li sorijiet tal-*Holy Family Sisters* żaru d-djar tal-inħawi, sabu li ħafna

ikompli minn paġna 1

**Għal ħafna snin huwa kien wieħed mill-assistenti tas-Superjur Ġenerali u anke Segretarju Ġenerali, u aktar tard kien segretarju tal-Kunsill Reġjonali ta' Malta.**

**Biss bosta għadhom jiftakruh, meta kien imur iżurhom, bħala Delegat tas-Superjur għall-Benefatturi. Ħaġa li wettaqha b'impenn kbir. Mhux biss għax fi żmienu żdied in-numru, imma l-impenn kien jidher aktar, għax hu kien imur kuljum jagħmel dawn iż-żjajjar bil-karozza tal-linja.**

**Għal dawn l-aħħar snin huwa kien jagħti sehmu fid-Dar tal-Irtiri f'Għawdex.**

**Jalla l-Mulej ibierku u jkompli jżommu qawwi u sħiħ.**



bniet kbar – 15-il sena u iktar – qatt ma marru skola. Huma jibqgħu d-dar biex jieħdu ħsieb lil ħuthom iżgħar, għax iż-żewġ ġenituri jaħdmu. Għalhekk stedinniehom biex jiġu l-iskola u jġibu magħhom lil ħuthom iż-żgħar. Lill-bniet il-kbar, barra li bdejna magħhom mill-bidu nett, kemm il-lingwa Urdu u l-Ingliż u l-matematika, noffrulhom ukoll korsijiet ta' ħjata, tisjir, rakkmu, u crafts oħra.
Anki għal dan il-proġett, GRAZZI kbira oħra lil "Oħloq Tbissima".

**Fr Gerard Bonello mssp, Superjur Reġjonali**



Bniet fid-Day Care centre jitgħallmu jaħdmu s-suf